# IL-MILIED MALTI…
# IKEL U XORB

## WIRT GASTRONOMIKU

Il-konsum tal-ikel u x-xorb fil-jiem tal-Milied ikompli jsaħħaħ l-atmosfera ferriħija u l-għaqda soċjali li jġibu magħhom dawn il-festi. Ir-riċetti tipiċi tal-Milied jiffurmaw parti mill-patrimonju Malti u jikkontribwixxu qatiegħ fit-tiswir tal-identità tagħna bħala poplu u nazzjon.



## L-IXKUMVAT

Dan jikkonsisti fi strippi t'għaġina moqlija u miksija biz-zokkor.



## L-IMQARET

L-imqaret huma magħmula minn għaġina ħelwa mimlija b'taħlita ta' tamal, qxur taċ-ċitru u ħwawar oħra. Dawn jiġu moqlija fiż-żejt.



## IL-ĦELU

Tajjeb niftakru li sa ftit għexieren ta' snin ilu, il-ħelu ma kontx issibu ta' kuljum għand kulħadd. Ħafna drabi l-konsum tal-ħelu kien ikun xi ħaġa tal-okkażjoni. M'hemmx xi ngħidu, il-Milied kien wieħed minn dawn il-ftit okkażjonijiet fejn il-ħlewwiet kienu jsibu posthom fuq il-mejda ta' kulħadd.



## IL-PUDINA TAL-ĦOBŻ

Il-pudina hija taħlita ta' ħobż niexef magħġun bil-ħalib u bl-ilma u mħawwar biz-zokkor, butir, bajd, kawkaw, passolina, ġewż, ħwawar u qxur taċ-ċitru.



## L-IMBULJUTA

Xarba sħuna magħmula mill-qastan, trab taċ-ċikkulata, frott, ħwawar u qxur taċ-ċitru. Tradizzjonalment, din tiġi servuta fost il-familji wara l-quddiesa ta' nofsillejl u xi drabi anke fil-bidu tas-sena l-ġdida.



## IL-QAGĦAQ TAL-QASTANIJA

Minkejja li jissejjħu qagħaq tal-qastanija, dawn ikunu mimlijin b'taħlita bl-għasel. Insibu referenza għalihom fl-għanja 'Ninu Ninu tal-Milied'.



## L-IKLA TAL-MILIED

L-ikla tal-Milied kienet meqjusa bħala l-aktar waħda abbundanti tas-sena. Fl-imgħoddi, il-platt ewlieni ta' din l-ikla kien il-ħaruf jew il-ħasi. Illum insibu d-dundjan minflok, filwaqt li bosta familji saru jagħżlu li jieklu f'xi ristorant flok jibqgħu d-dar.



## ĦLEWWIET BARRANIN

Mal-ħlewwiet tradizzjonali tagħna, matul is-snin żdiedu wkoll dawk barranin, fosthom il-Christmas log, il-Christmas pudding, il-Christmas cake u l-Panettone.

© 2020 H Heritage Malta Publishing